*ACTIO FINIUM REGUNDORUM*

*PRESKRIZZJONI TRENTENNALI*

*ART.2143 TAL-KAP.16 TAL-LIGIJIET TA' MALTA*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR.LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D.,M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017**

**Kawza Numru: 26**
**Rikors Guramentat Numru:561/2014/LSO**

**Arthur Xuereb [K.I. Nru. 0667055M]**

**vs**

**Silvio Borg [K.I. Nru. 466565M], Antonia Borg Farrugia [K.I. Nru. 31975M], Malaga Enterprises [C-14884]**

**u b' digriet tas-7 ta' Ottubru 2014 gie kjamat in kawza Winston Cutajar personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti ohtu Costanza *sive* Connie Goldstone, u b' digriet tad-29 ta' Novembru 2016 l-atti gew trasfuzi f' isem Charles Goldstone u dan *stante* l-mewt ta' Connie Goldstone, u b' digriet tas-26 ta' Dicembru 2014 giet kjamata fil-kawza Sonia Galea.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors mahluf ta' Arthur Xuereb [K.I. Nru. 0667055M] datat 25 ta' Gunju 2014 fejn umilment u bil-gurament tieghu Arthur Xuereb ikkonferma li huwa jaf personalment bis-segwenti: -

IIIi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Angelo Sammut fis-17 ta' Jannar tas-sena 1969, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument 'AX1', l-*ante causa* tar-rikorrent ossija l-missier Salvatore Xuereb, akkwista

minghand Mose` Sammut u martu Maria porzjoni diviza mill-ghalqa msejha 'Ta' Sqaq Sgheduna', kontrada ta' Hal Mann, fil-limiti ta' Hal Lija, tal-kejl ta' circa tomna;

Illi l-ghalqa suriferita giet akkwistata libera u franka, bid-drittijiet u l-gustijiet kollha taghha u li tikkonfina mit-Tramuntana ma' beni ta' Michele Cutajar, mil-Lvant ma' Sqaq Sgheduna u mil-Lbic ma' beni ta' Benjamino Sultana;

Illi sussegwentement wara l-mewt tal-imsemmi Salvatore Xuereb u martu Anna nee' Borg, l-aventi *causa* taghhom, ossija r-rikorrent u hutu Joseph Xuereb, Alfred Xuereb u Theresa Vassallo, mart Paul Vassallo, lahqu pjan ta' divizjoni tal-propjeta' li wirtu minghand il-genituri taghhom u li ghal dan il-ghan gie ppubblikat kuntratt ta' divizjoni nhar it-Tnejn 22 t'Ottubru tas-sena 2013 fl-atti tan-Nutar Dottor Ian Castaldi Paris, kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dokument 'AX2';

Illi *tramite* l-kuntratt tat-22 t'Ottubru, 2013 suriferit ir-rikorrent gie assenjat b'titolu ta' divizjoni t-tielet porzjoni, ossija dik kif ahjar hemm deskritta bhala:

*"Porzjoni diviza mill-ghalqa imsejha 'ta' Sqaq Sgheduna' fil-kuntrada ta' Hal-Mann fil-limiti ta' Hal-Lija, tal-kejl superficjali dina l-ghalqa ta' circa hames mija u sebgha u sebghin punt sitta u hamsin metri kwadri (577.56mk) u konfinanti mit-Tramuntana ma' beni ta' Michele Cutajar, mil-lvant ma' Sqaq Sgheduna u mil-lbic ma' beni ta' Benjamino Sultana, libera u franka u bid-drittrijiet u l-*

*gustijiet taghha kollha - tal-valur, bonarjament attribwit ghal din l-ghalqa ta' wiehed u tmenin elf hames mija u tmienja u ghoxrin ewro (€81,528). Pjanta ta' l-imsemmija art u cioe` ghalqa qed tigi annessa u mmarkata bhala dokument ittra "A" fejn hija delinejata bil-kulur isfar u blu.*

*Ghal kull buon fini u effetti kollha tal-ligi qieghed jigi dikjarat li parti minn din l-ghalqa, immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala dokument ittra 'A', u cioe` cirka tliet mija u sitta u ghoxrin punt sebgha metri kwadri (326.07mk) hija okkupata minn terzi illegalment."*

U billi b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Andre Farrugia datat 9 t'Ottubru 2013, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala Dokument 'AX3', l-intimati Borg u s-socjeta' Malaga Enterprises Limited akkwistaw flimkien *in solidum* minghand Winston Cutajar u Costanza Goldstone art maghrufa bhala 'Ta' Sqaq Sejduna' fi Trejqet il-Kanonku Gakbu Abela gia Sqaq Ta' Sejduna, fil-lokalita` maghrufa bhala 'Ta' Hal-Mann' fil-limiti ta' Hal-Lija;

U billi ghalkemm hemm xi posti *(metal pegs)* li kienu saru fl-inhawi biex jindikaw l-estensjoni tal-art tar-rikorrent min-naha tal-Punent (u li jidhru fuq il-pjanta annessa u mmarkata bhala Dokument 'AX4'), m'hemm l-ebda demarkazzjoni li tindika l-estensjoni tal-art min-naha tat-Tramuntana;

U billi qatt ma giet mhejjija jew delinejata formalment linja li taqsam l-art tar-rikorrent min-naha tat-Tramuntana minn

dik li llum hija proprjeta` tal-intimati Borg u s-socjeta` Malaga Enterprises Limited, la mis-sidien prezenti u lanqas mill-antecessuri taghhom, u ghada sal-gurnata ta' llum qatt ma saret minkejja li l-intimati gew interpellati ghal dan il-ghan kemm *tramite* ittra bonarja datata 16 t'Ottubru, 2013 kif ukoll ta' ittra ufficjali li ggib in-numru 65/14, annessa u mmarkata bhala Dokument 'AX5';

IIIi bejn il-partijiet f'din il-kawza kien hemm u ghad hemm nuqqas ta' qbil dwar il-posizzjoni tal-konfini mit-Tramuntana tal-imsemmija proprjeta` u d-delimitazzjoni ta' din l-ghalqa mit-Tramuntana mill-art tar-rikorrent attur;

Illi in oltre l-intimati jew min minnhom qieghdin jokkupaw abbuzivament parti mill-proprjeta' spettanti lill-attur;

Illi allura effettivament hemm lok u interess li din il-linja min-naha tat-Tramuntana tigi demarkata;

Illi sabiex tigi rizolta darba ghal dejjem din il-vertenza odjerna bejn il-partijiet f'din il-kawza, huwa necessarju u mehtieg li jigu stabbiliti b'mod permanenti l-konfini tal-imsemmija ghalqa min-naha tat-Tramuntatna u li l-istess ghalqa tigi delimitata u segregata mill-art tal-intimati permezz ta' hitan jew sinjali ohra permanenti skont il-ligi, u dan billi jigi kkalkulat l-ispazju ta' tomna hekk kif jirrizulta mill-kuntratt t'akkwist datat 17 ta' Jannar 1969, billi l-ghalqa giet hekk trasferita bil-kejl ta' cirka tomna;

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi:

1. Tordna s-segregazzjoni tal-art tal-kontendenti billi tistabbilixxi l-konfini bejn l-imsemmija proprjetajiet permezz ta' hitan, posti jew sinjali ohra permanenti skont il-ligi, u dan jekk hemm bzonn b'opra ta' perit nominandi, b'hekk illi l-proprjeta` tar-rikorrent tammonta ghall-kejl ta' cirka tomna hekk kif propost fil-pjanta Dok. 'AX4', u dan skont kif jirrizulta mill-kuntratt ippubblikat min-Nutar Dottor Angelo Sammut fis-17 ta' Jannar tas-sena 1969 u li permezz ta' liema kuntratt l-*ante causa* tar-rikorrent akkwista l-art proprjeta` tieghu;

2. Tistabbilixxi u tiddetermina dik il-parti tal-proprjeta` li giet illegalment okkupata mill-intimati jew min minnhom;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li lilhom jigi prefiss, jizgumbraw minn din il-parti tal-proprjeta' tar-rikorrent li okkupaw abbuzivament u fin-nuqqas tawtorizza li jizgombraw lill-intimati jew min minnhom mill-istess u li jnehhu kull forma ta' xkiel u ngombru fuq l-istess proprjeta' tar-rikorrent;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali li ggib in-numru 65/14 lill-intimati kollha li jibqghu ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-15 ta' Lulju 2014.

Rat ir-risposta guramentata ta' Silvio Borg (ID 466566M), Antonia Borg Farrugia (ID 31975M) u Malaga Enterprises Limited (C 14884) datata 14 ta' Lulju 2014 (fol 48) fejn Silvio Borg u Raymond Zammit ghal Malaga Enterprises Limited ikkonfermaw :-

1. Illi l-kawza saret inutilment ghaliex d-divizjoni li b'rizultat taghha gew immarkati tal-konfini saret iktar minn tletin sena ilu. Illi d-divizjoni sehhet permezz ta'kuntratt fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti tat-23 ta' Awwissu 1950. Difatti, bejn l-art fil-pussess tal-atturi u l-art li qed jirriklamaw il-pretenzjonijiet taghhom, min-naha tal-Punent hemm sinjali permezz ta' vireg tal-hadid ingassati gol-art b'dan illi fejn hemm il-hajt tas-sejjiegh hemm ukoll virga gol-istess hajt. Ma' whud mill-vireg hemm wkoll posti tal-gebel. Fil-kantuniera (90° -North West) hemm posta permezz ta' gebla kbira mdahhla gol-hamrija u mbaghad karta bum fuq ir-rih tat-Tramuntana hemm il-hajt ta'*garage* mibni. Dawn il-posti tal-gebel u tal-hadid u l-*garage* ilhom hemm zmien twil u ghalhekk m'hemmx lok li ssir divizjoni. Tali stat ta' fatt ilu snin jissusti u l-art in kwistjoni tinsab fil-pusses tal-esponenti, Sonja Cutajar u l-predecessuri fit-titolu taghhom, b'mod indisturbat, ghal iktar minn erbghin sena.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk l-attur jipprova jargumenta li dawn l-qsami saru hazin, jinghad li dawn saru iktar minn tletin sena ilu u ghalhekk

kull pretenzjoni fir-rigward hija preskritta *a tenur* tal-Art 2143 tal-Kap 16. Certament dawn is-sinjali ilhom hemm iktar minn erbghinsena u dan sahansitra kif anke ntqal lill-esponenti mill-familja Xuereb meta l-esponenti kienu qieghdin jaghmlu *survey* gol-art li akkwistaw u dan id-diskors intqal qabel ma sar il-kuntratt tal-akkwist tal-esponenti.

3. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Mario Felice tas-26 ta Marzu 1998, kien sar kuntratt fejn gie stabbilit illi porzjoni proprjeta` tibqa' in komun u *stante* li dinl-art kienet in pussess tal-esponenti jew tal-predecessuri fit-titolu taghhom in segwitu ghall-istess kuntratt, u anke saret divizjoni bejn l-familja Cutajar u tapplika wkoll il-preskrizzjoni kemm decennjali *a tenur* tal-Artikolu 2140 tal-Kap 16.

4. Illi inoltre, jigi rilevat illi min-naha tat-Tramuntana tal-proprjeta' fil-pussess tal-atturi jew min minnhom, hemm proprjeta' li tappartjeni lil Sonia Cutajar u fil-kumplament tal-parti tat-Tramuntana u min-naha tal-Lvant hemm proprjeta' li hija in komun bejn l-esponenti u l-istess Sonia Cutajar. Lil hinn minn din il-proprjeta' komuni mbaghad hemm proprjeta' li tappartjeni lil Sonia Cutajar wahedha u proprjeta` li tappartjeni lill-esponenti wahedhom.

5. Ghal kull *buon fini*, l-esponenti jehmzu pjanta dettaljata fejn qed jindlkaw il-parti li hija fil-pussess tal-familja Xuereb, il-parti li tappartjeni lil Sonia Cutajar wahedha, il-

parti li tappartjeni lill-esponenti wahedhom u l-parti li hija in komun bejn l-esponenti u Sonia Cutajar flimkien u konsegwentement, f’ kaz li l-Qorti tiddeciedi li tichad l-ewwel tlett eccezzjonijiet, il-gudizzju m'huwiex wiehed integru min-naha tal-konvenuti.

6. Illi jekk hemm xi zball jew sar xi zball meta saret id-divizjoni originali, certament il-pretenzjoni tal-attur hija tardiva billi ghaddew ferm iktar minn hames snin minn meta sar l-kuntratt ta' divizjoni fl-1950. F'kull kaz il-gudizzju mhux integru u ghandhom jidhlu fil-kawza l-ko-dividendi kollha.

7. Illi finalment, jekk hemm xi zball fid-divizjoni, x'hemm x'jinghad illi l-marka ghandha ticcaqlaq lejn l-irjihat l-ohra u mhux necessarjament fin-naha tat-Tramuntana biss? Spetta lill-atturi jgibu prova dwar dan.

8. Illi ghalhekk t-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu

Rat ir-rikors ta’ Silvio Borg datat 15 ta’ Lulju 2014 a fol 68 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha ssejjah fil-kawza lill-imsemmija Winston Cutajar personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti ohtu Costanza sive Connie Goldstone; u l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti; rat ir-risposta, u laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet mehtiega kif ukoll in-notifika fir-rikors guramentat lill-kjamat fil-kawza.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamat in kawza Winston Cutajar [Detentur tal-Karta ta' l-Identita` Numru 847649(M)] personalment kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti ohtu Costanza *sive* Connie Goldstone datata 27 ta' Ottubru 2014 (fol 80) fejn ikkonferma :-

1. Illi permezz ta' Kuntratt fl-Atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti tat-23 ta' Awwissu 1950 kopja annessa u mmarkata bhala Dok. CW1 mar-Risposta Guramentata pprezentata mill-konvenuti kienu saru s-segwenti transazzjonijiet: -

a. Salvatore Cutajar [missier l-esponenti] u huh Michele Cutajar kienu akkwistaw minghand huthom, sehem ta' erba' minn sitta (4/6) mill-ghalqa "Ta' Sqaq Sgeguna", kontrada ta' Hal Mann, fil-limiti ta' Hal Lija, b'mod illi saru proprjetarji assoluti tal-istess proprjeta`*stante* illi huma diga` kellhom sehem ta' wiehed minn sitta (1/6) kull wiehed;

b. L-imsemmija Salvatore u Michele ahwa Cutajar, iddividew il-proprjeta`*de quo* b'mod illi kull wiehed minnhom sar, sa minn dik id-data, proprjetarju assolut tal-porzjon lilu assenjata. Ghall-fini ta' kjarezza l-esponenti qieghed jipprezenta pjanta tal-artijiet in kwistjoni, immarkata bhala DOK. CW2, fejn tidher l-art ta' Michele Cutajar, *in toto,* imberfla bl-AHDAR, immarkata bhala PORZJON B, mentri dik ta' Salvatore Cutajar hija indikata biss in parti u mmarkata bhala PORZJON A;

c. Minn sehemu PORZJON B, Michele Cutajar kien biegh area ta' *circa* tomna mill-ghalqa lilu assenjata, lil ohtu Maria Stella Sammut - hija din l-art, imberfla bl-ORANGJO u mmarkatabhala PORZJON C fuq l-annessa pjanta DOK. CW2, illi tifforma l-mertu tal-proceduri odjerni.

2. Illi meta fis-6 ta' Jannar 1996 miet iz-ziju tal-esponenti, Michele Cutajar, permezz tat-testment tieghu tal-1 ta' Ottubru 1986 fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Saydon, huwa halla l-proprjeta` tieghu PORZJON B lil hut l-esponenti, inkluza Costanza *sive* Connie Goldstone [dak iz-zmien Brown], izda eskluda lill-esponenti f'ismu proprju, u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Illi effettivament, l-art in kwistjoni, ga appartenenti lil Michele Cutajar PORZJON B, giet diviza bejn hut l-esponenti *proprio* Dominic Cutajar, Jim Cutajar, Connie Brown illum Goldstone, u Elizabeth *sive* Bella Welling (illum mejta) skont kuntratt ta' divizjoni datat 26 ta' Marzu 1998, fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Felice. Kopja ta' dan il-kuntratt hija annessa u esebita u mmarkata bhala DOK. CW3;

4. Ghalhekk isegwi mill-premessa dikjarazzjoni tal-fatti illi l-esponenti *proprio* mhuwiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri *stante* illi huwa qatt ma kellu ebda forma ta' titolu personali fuq ebda parti mill-ghalqa PORZJON B illi hija adjacenti ghall-PORZJON C mertu ta' dawn il-proceduri;

5. Illi fl-att ta' divizjoni tal-wirt ta' Michele Cutajar [DOK. CW3], dik il-porzjon ta' art illi tmiss mit-Tramuntana mal-proprjeta` llum tal-attur PORZJON C, giet assenjata, in parti, lil Dominic Cutajar [PORZJON F f'DOK. CW2] u *stante* illi l-attur qieghed jippretendi illi l-art tieghu ghandha testendi ruhha lejn it-Tramuntana, jehtieg, ghall-ekonomija tal-gudizzju u fl-ahjar interess tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, illi jigi kjamat in kawza l-istess Dominic Cutajar detentur tal-Karta tal-Identita` Numru 910645(M) jew successuri fit-titolu, jekk ikun il-kaz;

6. Illi permezz tal-Kuntratt ta' Bejgh datat 9 ta' Ottubru 2013 [kopja diga` esebita in atti u mmarkata Dok AX3], il-konvenuti xtraw: -

a. Il-proprjetajiet illi kellha Connie Goldstone mill-art fl-akkwati *de quo* - sadanittant l-istess Connie Goldstone kienet wirtet sehem ohtha Elizabeth Welling mill-istess art u b'hekk l-imsemmija Connie Goldstone kienet proprjetarja, u bieghet lill-konvenuti, dawk il-porzjonijiet immarkati bhala PORZJON G U PORZJON H fil-pjanta DOK. CW2 u dan kif jista' jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

b. Is-sehem indiviz tal-esponenti *proprio et nomine* mill-PORZJON A [wirt ta' Salvatore Cutajar] f'DOK. CW2. Kien ghalhekk biss illi l-esponenti *proprio* deher fuq il-kuntratt ta' bejgh DOK. AX3 u dan ghalhekk isostni l-eccezzjoni ga` sollevata mill-esponenti *proprio* illi huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri.

7. Illi fil-mertu minghajr pregudizzju ghalfuq premess, meta sar il-kuntratt ta' divizjoni u bejgh fl-1950 [DOK. CW1] il-konfini bejn il-proprjeta` appartenenti lil Michele Cutajar PORZJON B *[aventi causa* tal-esponenti *nomine]* u Maria Stella Sammut PORZJON C *[aventi causa* tal-attur] kienu gew immarkati permezz ta' virga tal-hadid u posti tal-gebel fil-hamrija, illi ddelineaw il-proprjetajiet imsemmija mit-Tramuntana ghan-Nofsinhar - ara l-linja XY fuq DOK. CW2. Inoltre, inholoq passagg bic-cangatura illi jmiss mal-konfini mit-Tramuntana tal-PORZJON C. Dawn il-posti u dan il-passagg saru ferm aktar minn erbghin sena ilu u ghaldaqstant il-konfini tal-proprjetajiet in kwistjoni ilu stabbilit ghal ferm aktar minn erbghin sena;

8. Illi ghalhekk ghall-kaz in ezami tapplika tal-anqas il-preskrizzjoni decennali stabbilita *ai termini* tal-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili, u wkoll dik trentennali stabbilita fl-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili, oltre dik ta' erbghin sena *ai termini* tal-Artikolu 2144 tal-Kodici Civili u kwindi t-talbiet attrici huma preskritti;

9. Illi inoltre, l-ewwel talba attrici ma tistax tintlaqa' fil-mertu *stante* illi l-porzjonijiet *de quo* ilhom segregati ghal wisq aktar minn erbghin sena u kwindi dak illi qieghed jintalab mill-attur ilu fatt kompjut ghal decenni shah. Isegwi ghalhekk ukoll illi l-bqija tat-talbiet attrici, in kwantu konsegwenzjali ghall-ewwel talba, ghandhom ukoll jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur;

10. Illi inoltre, jekk sar xi zball inkluz meta saru d-divizjonijiet, il-pretenzjoniji ta' l-attur hija tardiva billi ghaddew iktar minn hames snin;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza Winston Cutajar datata 28 ta’ Ottubru 2014 a fol 103 tal-process fejn talab lill-Qorti joghgobha tordna illi jigi/u kjamat fl-atti ta’ dawn il-proceduri Dominic Cutajar jew successuri fit-titolu jekk ikun il-kaz, u dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni; u l-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro parti; rat ir-risposta tal-attur u rat li skont id-dokument anness mar-risposta jirrizulta li parti mill-art in mertu giet trasferita lil Sonia Galea. Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, fil-waqt li cahdet it-talba ghall-kjamat fil-kawza ta’ Dominic Cutajr, ordnat li minflok issir il-kjamata fil-kawza Sonia Galea bint l-imsemmi Dominic Cutajar u s-successur fit-titolu tieghu; u per konsegwenza ordnat li jsiru l-annotazzjonijiet mehtiega u n-notifika tal-kjamat fil-kawza bir-Rikors Guramentat, u dankif jidher bid-digriet moghti fis-26 ta’ Dicembru 2014 a fol 108 tal-process.

Rat ir-risposta guramentata tal-kjamata in kawza Sonia Galea [K.I. nru. 554274M] datata 30 ta’ Jannar 2015 a fol 135 tal-process fejn l-istess Sonia Galea ikkonfermat s-segwenti:

Illi l-istanza attrici hija kompletament nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez, *inter alia,* ghal dawn il-motivi:

1. Illi l-istanza attrici ma tistax titqies valida *stante* li - kif ukoll ritenut fil-gurisprudenza - l-oggett ta' l-ewwel talba huwa li l-konfini jigu rettifikati u ffissati konsistentement mal-konsistenza ta' l-ghalqa skont il-kuntratt tas-17 ta' Jannar, 1969. Dan ifisser li r-reklam ta' l-attur ghandu bhala oggett parti determinata mill-proprjeta` kontigwa mir-rih tat-Tramuntana, u kwindi mhux ir-regolament ta' konfini incert u/jew promiskwu.

2. Illi l-istanza attrici ghandha tfalli wkoll ghax l-*actio finium regundorum* ma tistax tigi esperita meta, jew permezz ta' konvenzjonijiet precedenti, jewghaliex ikun hemm sinjali zguri u li jidhru, l-konfini jkunu ndikati. Fil-kaz odjern kien u/jew ghad hemm sinjali zguri u li jidhru mal-konfini tal-proprjeta` attrici min-naha tat-Tramuntana.

3. Illi tali sinjali li jissenjalaw u jindividwaw il-konfini tal-proprjeta` ilhom in ezistenza ghal aktar minn erbghin (40) sena.

4. Illi l-konfini u l-konsistenza tal-proprjeta` ta' l-odjerna eccipjenti huma dawk rizultanti, *inter alia,* mill-kuntratt ta' donazzjoni datat 23 ta' April 2010.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet s'issa mqanqla u ghal dawk li isegwu, l-proprjeta` attigwa li tmiss

min-naha tat-Tramuntana mal-proprjeta` ta' l-attur ilha fil-pussess tal-predecessuri fit-titolu ta' l-odjerna eccipjenti ghal ghexieren ta' snin u ghalhekk, jekk *dato ma non concesso* tirrizulta fondata l-ewwel talba attrici, tali porzjon art intilfet mill-attur a favur l-odjerna eccipjenti b'applikazzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva *a tenur* ta' l-Artikolu 2143 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) [preskrizzjoni ta' 30 sena].

6. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet s'issa mqanqla u ghal dawk li isegwu, l-istess proprjeta` attigwa li tmiss min-naha tat-Tramuntana mal-proprjeta` ta' l-attur ilha fil-pussess tal-predecessuri fit-titolu ta' l-odjerna eccipjenti ghal ghexieren ta' snin u ghalhekk, jekk *dato ma non concesso* tirrizulta fondata l-ewwel talba attrici, tali porzjon art intilfet mill-attur a favur l-odjerna eccipjenti b'applikazzjoni wkoll tal-preskrizzjoni akkwizittiva *a tenur* ta' l-Artikolu 2140 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) [preskrizzjoni ta' 10 sena].

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-rikors tal-kjamat in kawza Winston Cutajar datat 25 ta’ Ottubru 2016 a fol 282tal-process fejn talab lil Qorti joghgobha tawtorizza t-trasfuzzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta’ Charles Goldstone, werriet ta’ Constanza sive Connie Goldstone kif rapprezentat mill-esponenti bhala prokuratur tal-istess, halli jkompli l-kawza minflok l-imsemmija Constanza sive Connie Goldstone u dan *a tenur* tal-Artikolu 806 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta; u l-Qorti

laqghet it-talba u ordnat it-trasfuzzjoni kif mitluba, kif jidher bid-digriet moghti fid-29 ta' Novembru 2016.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Arthur Xuereb datata 23 ta' Jannar 2017 a fol 297 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Silvio Borg, Antonia Borg Farrugia u Malaga Enterprises Ltd datata 15 ta' Frar 2017 a fol 305 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-kjamata in kawza Sonia Galea datata 16 ta' Frar 2017 a fol 314 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kjamat in kawza Winston Cutajar f' ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-eredi ta' Connie Goldstone datata 27 ta' Frar 2017 a fol 316 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma t-Tlieta, 28 ta' Frar 2017 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet kollha. Il-partijiet prezenti.Dr Kevin Camilleri Xuereb irrileva li l-preskrizzjoni eccepita mill-kjamata in kawza Sonia Galea hija wahda akwizittiva u mhux estintiva,  u ghalhekk din l-eccezzjoni ghandha tigi deciza mal-mertu.

Ghal kull buon fini l-partijiet qablu li l-provi fuq il-mertu ghadhom ma ngabrux.Il-kawza giet differita ghal sentenza *in parte* ghat-30 ta' Mejju 2017 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija sentenza *in parte* fuq it-tieni eccezzjoni sollevata mill-intimati Silvo Borg, Antonia Borg Farrugia u Malaga Enterprises Limited, dwar il-preskrizzjoni ai termini tal-**artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta**.

Ikkonsidrat li permezz tal-kaz odjern, ir-rikorrent qed jitlob li jigistabbilit il-konfini bejn il-proprjetajiet imsemmija fir-rikors promotur, ossija l-ghalqa msejha "Ta' Sqaq Sgheduna", kontrada ta' Hal Mann Limiti ta' Hal Lija, u l-art maghrufa "Sqaq Sejduna" fi Trejqet il-Kanonku Gakbu Abela, gja Sqaq Ta' Sejduna Hal Lija u dan *stante* li ma hemm l-ebda demarkazzjoni li tindika estensjoni ta' l-art min-naha tat-tramuntana.

Illi din it-talba hija opposta kemm mill-intimati kif ukoll mill-kjamat in kawza. L-intimati ssollevaw l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trentennali u jghidu li l-konfini gew demarkati u, minghajr pregudizzju, jekk l-attur jipprova li l-qsami saru hazin, dawn saru aktar minn tletin sena ilu.Illi l-kjamat in kawza, Winston Cutajar ukoll eccepixxa li, aparti li mhuwiex il-legittimu kuntradittur f'din il-kawza, li japplika ghall-azzjoni l-preskrizzjoni decennali, trentennali u ta' erbghin sena (art. 2140,2143 u 2144 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta rispettivament). Sonia Galea,fir-risposta taghha eccepiet li l-azzjoni odjerna ma tistax tigi esperita billi hemm sinjali zguri li jiddelinejaw l-konfini bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti.Dawn is-sinjali ilhom in

ezistenza ghall-aktar minn erbghin (40) sena u eccipiet il-preskrizzjoni akkwizittiva skont l-artikolu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dik a tenur tal-artikolu 2140 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2014 din il-Qorti ordnat l-inverzjoni tal-provi *stante* l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-intimati.

Illi l-intimati u l-kjamati in kawza qablu li f'dan l-istadju m'ghandux jigi trattat il-preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin sena, liema eccezzjoni tenthieg indagni fil-mertu.

Illi r-rikorrenti ssottomettew li l-*actio finium regundorum* huwa impreskrittibbli[1] u ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija improponibbli.

Illi l-intimati wiegbu[2] billi ccaraw li mhumiex qed jghidu li d-dritt li wiehed jezercita l-*actio finium reundorum* hija preskritta bid-dekors ta' tletin sena. Huma qed isostnu li saret divizjoni fis-sena 1950 u minn dak iz-zmien kull parti okkupat il-parti li giet assenjata lilu.Dak li qed jipproponi l-attur huwa li jbiddel id-divizjoni li saret in situ.Sussegwentement jispjegaw li din hija *actio rei vindicatoria* b'libsa tal-*actio finium regundorumstante* li l-konfini gew stabbiliti fid-divizjoni li sehhet.

[1] Nota tas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti a fol 297 *et.sequitur*.
[2] Nota ta' sottomissjonijiet a fol 305. *et sequitur*.

Il-kjamat in kawza Sonia Galea ccarat fin-nota taghha[3]li l-eccezzjoni li ssollevata fit-termini tal-artikoli 2143 u 2140 tal-Kodici Civili jikkoncernaw preskrizzjoni akkwizittiva u huma marbuta mal-mertu tal-kaz u talbu li kwalunkwe decizjoni ma tikkoncernax din il-linja difensjonali.

Il-kjamat in kawza Winston Cutajar issottometta[4] li din il-kawza giet istitwita ben 64 sena wara li l-art giet diviza bejn il-predecessuri tal-partijiet. L-artiklu 2143 jipprospetta preskrizzjoni estintiva ta' kalwasiasi azzjoni minhabba t-trapass ta' tletin sena minn meta l-azzjoni setghet tigi istitwita.Jaqbel mal-intimati fis-sens li b'din l-azzjoni l-attur qed jittenta, mhux li jigu stabbiliti l-konfini, *stante* li,skont l-eccipjent, dawn gew stabbiliti bl-att tad-divizjoni in sehh fis-sena 1950, imma sabiex il-konfini gja hekk stabbiliti jigu mcaqalqa.Ghaldaqstant jghid li l-attur ittenta din il-kawza fis-sawra taghha proprju biex jeludi l-preskrizzjoni estintiva u akkwizittiva. Issottomettiet li l-azzjoni hija preskritta fit-termini tal-artikolu 2140 u 2143 tal-Kodici Civili.

**Konsiderazzjonijiet dwar l-eccezzjoni tal-Preskrizzjoni**

Illi hemm qbil bejn l-intimati u l-kjamati fil-kawza li l-konfini huma ben stabbiliti. Hemm qbil ukoll li l-*actio finium regundorum* hija impreskrittibbli. Illi l-eccipjenti, izda, jibnu l-argument difensjonali taghhom fuq it-tezi li l-azzjoni odjerna ma tistax tigi esperita bhala l-*actio finium regundorum* billi l-konfini huma ben stabbiliti, u anzi, gew

[3] A fol 314-315
[4] Nota a fol 316 *et sequitur*.

ben stabbiliti u delineati aktar minn 40 sena ilu (sa mid-divizjoni li sehhet bejn l-awturi fit-titlu tal-kontendenti kollha fis-sena 1950). Ghalhekk jallegaw li din l-azzjoni hija essenzjalment azzjoni ta' rivendika "mlibbsa"bhala l-*actio finium regundorum* proprju biex jigu eluzi t-termini preskrittivi sollevati.

Illi inoltre, uhud minnhom jaghmlu distinzjoni bejn il-preskrizzjoni akkwizittiva u dik estintiva u ssottomettew li din is-sentenza ma tistax tindirizza l-preskrizzjoni akkwizittiva billi l-provi fuq il-mertu ma sarux.

Illi l-ezercizzju li ghandha taghmel din il-qorti huwa semplici:

1. Tiddetermina jekk l-azzjoni odjerna, kif jirrizulta mill-premessi u mit-talbiet, hija wahda ta' delineazzjoni ta' konfini (*actio finium regundorum)* u
2. Sussegwentement tiddetermina jekk din l-azzjoni hija wahda impreskrittibbli.

Billi ghadhom ma sarux provi fuq il-mertu, mhix, f'dan l-istadju, ser tidhol fil-kwistjoni jekk jezistux l-elementi sabiex l-*actio finium regundorum* tigi esperita b'success. Jekk hemm sinjali certi *o meno* hija kwistjoni teknika determinata minn spezzjoni *in situ* u ezami tal-pjanti, ritratti mill-ajru u ta' kwalsiasi prova ohra li tista' jkun ta' rilevanza u ghajnuna. F'kaz li jirrizultaw tali sinjali, u allura ma jkunx hemm dik l-incertezza fil-konfini li hija l-pern ta' din l-azzjoni, allura l-azzjoni tfalli.

Illi l-eccipjenti jaghmlu riferenza ghad-divizjoni li sehhet bejn l-ahwa Cutajar fis-sena 1950. Izda l-pern tal-kwistjoni dejjem tibqa' l-incertezza *o meno* fid-demarkazzjoni bejn l-artijiet rispettivi tal-kontendenti. Jekk dawn jirrizultaw, allura din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tidhol fl-ezami tal-preskrizzjoni akkwizittiva billi l-azzjoni odjerna hija cirkoskritta mill-elementi guridici taghha. Dawn l-elementi ghandhom jigu stabbiliti wara li jigu valutati l-provi kollha fil-mertu.

Illi isegwi wkoll li jekk l-azzjoni odjerna tirrizulta li hija wahda ta' demarkazzjoni ta' konfini (kwistjoni li ghandha tigi approfondita fl-ezami fil-mertu) allura kwalasiasi preskrizzjoni succitata hija improponibbli. Ghaldaqstant din il-Qorti ma tistax tifhem id-distinzjoni li qed issir mill-eccipjenti fejn qed jirriservaw ghalihom it-trattazzjoni ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni akkwizittiva ghall-istadju tal-mertu tal-kawza billi anke l-improponibilita' ta' eccezzjoni simili  hija kwistjoni procedurali li ser tigi stabbilita b'din is-sentenza.

Kif sewwa issottometta r-rikorrent fejn hemm l-incertezza, l-ekwivocita' tal-pussess necessitata sabiex tapplika l-preskrizzjoni akkwizittiva hija nieqsa.

**<u>Fatti:</u>**

Jirrizulta li missier ir-rikorrent kien akkwista l-ghalqa “Ta Sqaq Sgheduna”, permezz ta’ kuntratt datat 17 ta’ Jannar

1969. Sussegwentement ghall-mewt tieghu, r-rikorrent permezz ta' kuntratt ta' divizjoni datat 22 ta' Ottubru 2013, Dok AX2, gie assenjat it-tieni porzjoni ta' l-ghalqa "Ta' Sqaq Sgheduna" tal-kejl ta' 544.56 m.k.. Jirrizulta wkoll, li l-intimati Borg u Malaga Enterprises huma proprjetarji tal-art adjacenti maghrufa bhala "Ta' Sqaq Sejduna" Dok AX3. Illi r-rikorrent baghat ittra ufficjali esebita bhala Dok AX5. Ghalhekk, ir-rikorrent, ipproceda bil-kaz odjern, sabiex jigu stabbiliti l-konfini bejn l-imsemmija proprjetajiet, biex f'kaz li jinstab li l-intimati qed jokkupaw parti mill-art appartenenti lir-rikorrent, jigu ordnati jizgumbraw.

**<u>Provi:</u>**

**Arthur Xuereb** xehed permezz ta' affidavit (fol 60-61) fejn qal li missieru kien akkwista porzjon diviza mill-ghalqa msejha "Ta' Sqaq Sgheduna" fil-limiti ta' Hal Lija permezz ta' kuntratt datat 17 ta' Jannar 1969. Semma li l-ghalqa in kwistjoni qatt ma kienet iccirkondata minn hitan jew posti li jiddemarkaw l-ghalqa. Qal li kien hemm posti min-naha ta' nofsinhar, tal-Punent u Tal-Lvant, izda min-naha tat-Tramuntana, ma kienx hemm. Spjega li l-intimat u Raymond Zammit ta' Malaga Enterprises, gabu xi *surveyors* fuq il-post, u nduna li kien ha jinqala dizgwid meta, induna li qed jittentaw jehdulu bicca min-naha tat-Tramuntana, u b'hekk kien qabbad *surveyor* da parti tieghu ukoll, li kkonkluda li kellu disa' metri neqsin min-naha tat-tramuntana, hekk kif jirrizulta mill-pjanta Dok AX4. Sussegwentement, qal, li hu u hutu kienu ddecidew dwar pjan ta' qasma, u sar kuntratt ta' divizjoni li huwa esebit

bhala Dok AX2. Semma wkoll, li hu kien informa lil Silvo Borg u Ray Zammit li parti minn dak li kienu ser jakkwistaw kien fil-fatt, tieghu, izda xorta komplew bil-konvenju u bil-bejgh. Zied ighid li meta Silvio Borg u Malaga Enterprises kienu fuq il-konvenju, li fejn qabel kien hemm hajt li jaghti sax-xatba l-hadra li tidher f'ritratt AX8, issa kien hemm fetha wiesgha, kif jidher mir-ritratti Dok AX9 u AX10. Qal li minkejja li kienu avzati bil-pretensjonijiet tieghu fuq din l-art, ma tawx kaz tat-twissijiet tieghu u lanqas tal-ittra ufficjali mibghuta esebita bhala Dok AX7.

Permezz ta' affidavit ulterjuri (fol 212-213) xehed u kkonfermali kemm kienu ilhom juzaw l-art, dik il-parti, mmarkata bl-abjad fuq il-pjanta bhala Dok A6, (ippreparata mis-*surveyor* tieghu) baqghet zdingata, u qatt makien hemm posti fiha. Qal li meta Maria Stella xtrat minghand huha Mikiel, fl-1950, xtrat circa tomna, b'hekk missieru sussegwentment akkwista circa tomna wkoll. Qal li l-marki li jiftakar li ilhom hemm, huma dawk elenkati fuq linja A sa B fuq Dok RZ1. Zied ighidli mhux minnu li l-pozizzjoni tal-garaxx timmarka l-konfini mit-tramuntana kif sostnut mill-intimati, peress li hu bena l-garaxx bhala estensjoni tal-mandra.

**Raymond Zammit** xehed (fol 116-128)[5] u kkonferma li hu jirrapprezenta lill-kumpanija Malaga Enterprises, u flimkien ma' Silvio Borg u martu, xtraw proprjeta` minghand Winston Cutajar u ohtu Connie permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Ottubru 2013. Qal li kien mar l-ewwel darba fuq is-sit, u

[5] Seduta tat-23 ta'Jannar 2015

meta rega' mar Silvio Borg ma' Winston ma kienx prezenti fuq is-sit. Sussegwentement, qal, li kienu qabbdu lis-*surveyor* Ray Attard u marru lkoll fuq is-sit. Spjega li s-*surveyor* qal, li biex tigi tajba, meta beda jqabbel mal-pjanta qal li hemm marka li taghti ghall-art ta' Xuereb, li trid tersaq. Semma li l-marka kienet hadida antika u gebla antika gol-art. Zied ighid, li mbaghad gie Xuereb u beda ighid, li l-marka li kien hemm kien ilha zmien twil. Spjega li l-ghelieqi dejjem kienu mahdumin differenti sa mill-antik, u anke mill-*aerial photos* antiki, dejjem kien hemm l-istess marka, fis-sens li bhala raba' mahdum dejjem kien hemm A,B, u C, kif jidhru fil-pjanta Dok RZ1 (fol129). Esebixxa Dok RZ2 li juri li anke qabel inbena l-garaxx, il-linja diga kienet b'dak il-mod.

In **kontro-ezami** (fol 235-243)[6] qal, li lis-*surveyor*, kienu urewh l-marki ta' mal-art li kien hemm ezistenti, fejn imbaghad is-*surveyor* qabbel mal-pjanti li kienu ser jixtru bihom. Spjega li waqt li s-*surveyor* kien qed jigbor il-marki, marka wahda li kienet kantuniera, qalilhom, li trid tigi aktar lejn Xuereb, izda meta kellmu lil Xuereb hu qalilhom li l-markailha hemm zmien u trid tibqa' fejn hi. Hu kkorega u qal, kien hemm gebla fil-kantuniera u mhux f'kull kantuniera. Hu ccara l-fatt li l-pjanta Dok RZ1, ghamluha huma u mxew fuq il-pjanta antika, u rrefera li l-pjanta antika hi dik esebita a fol 100 tal-process. Fuq il-pjanta Dok RZ1 indika li minn B sa hemm il-posti, minn B sa C hemm il-garaxx bhala sinjal. Mistoqsi ghalfejn il-garaxx kien inbena fejn inbena, u kienx hemm kwistjonijiet relatati mal-

---

[6] Seduta tat-3 ta' Novembru 2014

permess, qal, li ma jafx dwar dan. Dwar il-marka C, mistoqsi hemmhekk kienx hemm hajt u kienx hu li fetah dak il-hajt qal li iva.

**Silvio Borg** xehed (fol 160-167) (fol 171-175)[7] fejn qal li hu u Malaga Enterprises xtraw proprjeta` minghad Winston Cutajar. Spjega li kien mar wahdu fuq is-sit l-ewwel darba, u Winston Cutajar urieh l-ghalqa li kellu x'jaqsam maghha hu. Bhala spjegazzjoni tal-art, qal, li din l-art hija mmarkata, hemm il-hitan tas-sejjiegh u hemm anke posti u hadid antiki. Qal li kien ra anke l-posta li kienet timmarka l-ghalqa taghhom minn dik ta' Xuereb. Fil-pjanta Dok RZ1 indika li huwa xtara l-parti mmarkata bl-isfar, u xtraw ukoll id-dritt ta' passagg biex jidhlu fuq l-istess art immarkata bl-ahdar. Hu mmarka fuq din l-istess pjanta, l-gebla u hadida msemmija bhala marka bl-ittra "B". Spjega li dik il-posta timmarka l-linja divizorja bejn l-art taghhom u ta' Xuereb. Spjega wkoll, li r-raba' kif kien jinhadem, ir-raba` ta' Xuereb kien tali mod u fejn xtraw huma kien mod iehor. Qal li wara li ghamlu l-kuntratt qabbad *surveyor*, u meta ha l-kejl tal-kuntratt, spiccaw ghand Xuereb, u kien gie jkellimhom fejn qalilhom li l-marka tal-gebla kien ilha hemm erbghin sena u, zammew mal-postali qalilhom hu. Meta tkellmu minghand min xtraw, qalulhom li qatt ma kellhom problema ma' Xuereb. Esebixxa *aerial photos* tal-1978, 2008 u tal-2012.

Hu esebixxa pjanta u ritratti, fejn jidher fl-art ta' Xuereb, hemm mibni garaxx, li qal jaghti fuq l-art ta' Xuereb,

[7] Seduta tat-3 ta' Frar 2015.u Seduta tad-9 ta' April 2015.

imbaghad spjega li hemm l-appogg li jaghti fuq l-art taghhom. Hu kkonferma li l-garaxx jinsab fuq l-art ta' Xuereb, appogg l-istess linja dritta ma' l-art tieghu stess. Ikkonferma wkoll, li hemm passagg, li huwa adjacenti ghall-art ta' Xuereb, b'hekk qal, li l-passagg ma jinsabx fuq il-proprjeta` ta' Xuereb, imma fuq il-proprjeta` tieghu b'appogg li qieghed bejn zewg proprjetajiet differenti.

In **kontro-ezami**, qal (fol 244-251)[8]mistoqsi minn B sa C u minn B sa A, qal li bhala posti, hemm B u ghandek id-dar tal-garaxx. Izda, mistoqsi specifikatament dwar marka qal li m'hemmx u jekk kien hemm setghu tnehhew. Mistoqsi dwar meta kellhom is-*surveyor* fuq is-sit, u riedu jcaqalqu l-marka B, qal li le. Mistoqsi ghaliex qal li hemm linja divizorja bejn l-art taghhom u ta' Xuereb, qal, li ghax hemmhekk il-linja, il-garaxx u d-dahar tal-garaxx qeghda linja dritta. Rigward Dok SB5 sa SB7, qal li fuq dawk ir-ritratti tal-MEPA sar *imposition* fuqhom mill-Perit Tancred Mifsud, billi ghamel l-*impositions* ghax tawh pjanta tal-1996 u mhux tal-1950.

**Winston Cutajar** xehed permezz ta' affidavit (fol 178-180) fejn qal li missieru u huh kellhom ghalqa maghrufa bhala "Sqaq Seguna", u missieru u huh kien qasmu din l-ghalqa u l-att ta' divizjoni sar permezz tal-istess kuntratt tat-23 ta' Awwissu 1950, fejn il-porzjon B, mertu ta' danil-kaz, gie assenjat liz-ziju Michele Cutajar, li meta gie nieqes fl-1 ta' Ottubru 1986, wirtuh hut Winston Cutajar stess, u l-porzjonijiet assenjati jirrizultaw minn kuntratt ta' divizjoni

[8] Seduta tat-3 ta' Novembru 2015.

esebit bhala Dok CW3. Spjega li l-involviment tieghu f'dan il-kaz, hu li kien deher bhala prokuratur f'isem ohtu Connie Goldstone fil-kuntratt datat 23 ta' April 2010.

Qal ukoll, li jiftakar lil missier ir-rikorrent jibni l-garaxx ezattament bi dritt il-marki li kien hemm mal-art, b'hekk jidher li huwa dejjem gharaf li l-ghalqa tieghu kienet tasal sal-marki ta' mal-art. Zied ighid li l-passagg ezistenti li jmiss mal-*garage*, kien hemm minn dejjem, li kien jappartjeni lil hutu bhala werrieta ta' Michele Cutajar kif jirrizulta mill-atti ta' divizjoni tas-26 ta' Marzu 1998. Qal li meta hu kien midhla tal-post, jiftakar li kien hemm is-sinjali mal-art biex jimmarkaw divizjoni bejn l-artijiet.

**Duminku Cutajar** xehed (fol 181-192) u qal li hu missier Sonia Galea u hu twieled u ghex fl-inhawi tal-art in kwistjoni. Qal li din kienet ghalqa shiha, imbaghad, u partijiet minnha nbieghu lil persuni diversi, lil Xuereb, lil Maria Stella Sammut, u liz-ziju Michele. Spjegali meta nqasmet fl-1950, ghamlu xi gebel biex jimmarkaw il-qasma.

In **kontro-ezami** qal li fuq il-pjanta a fol 193, indika li hu kien jahdem il-parti F u recentement ghaddiha lit-tifla tieghu b'donazzjoni. Qal li l-marki li mmarka bi slaleb fuq din l-istess pjanta, kulhadd kien jirrispettahom. Indika l-kantun li jinsab biswit il-gebla, a fol 146.

Fir-rigward, tal-garaxx, qal li dan kien inbena fil-porzjon art ta' Xuereb, u kien inbena minn Pawlu Vella, hu l-mara tas-Sur Xuereb. Semma li bejn wiehed u iehor, dan il-garaxx

inbena 25 sena ilu, man-naha tat-Tramuntana, u mistoqsi ma' liema linja zammew biex inbena dan il-garaxx, wiegeb li mal-linja tal-ghalqa taghhom, u cioe` ta' Xuereb. Semma li kien hemm xi gebla ohra, li m'ghadhiex hemm,minn meta tnehhiet il-hamrija. Mistoqsi mill-1950 l'hawn, minn meta l-art inqasmet, jekk qattx kien hemm kwistjoni qal li le, apparti dik odjerna.

In **kontro-ezami** ta' Dr. Caruana ghan-nom tar-rikorrent, qal, li Xuereb kien akkwista minghand Maria Stella. Fir-rigward tas-sinjali indikati minnu b'salib, ippreciza, li tnejn minnhom huma mmarkati b'gebla u hadida, u tnejn ohra huma mmarkati b'gebla biss. Dwar il-passagg magenb il-garaxx qal li dak sar recentement, xi sentejn ilu, u qabel kien maghluq. Ix-xhud qabel ukoll, li fejn ir-razzett tieghu, hemm bir fil-vicin, u xi drabi hu ta l-ilma lil Xuereb mill-bir, izda Xuereb ma kienx juza l-bir. Qal li ma kienx hemm ghodda tar-raba' fuq il-passagg magenb il-garaxx ta' Xuereb.

**John Mary Cutajar** xehed permezz ta' affidavit (fol 204) u kkonferma li hu u hutu wirtu l-ghalqa maghrufa bhala "Ta Sqaq Sejduna" wara l-mewt ta' zijuhom Michele. Semma li hu minn dejjem jiftakar li bejn l-ghalqa ta' zijuh u l-ghalqa ta' Xuereb kien hemm il-punti bil-gebel u bil-hadid. Hu kkonfermali l-ghalqa li wirtu minghand zijuhom Michele hija dik murija fi pjanta mmarkata A, u qatt ma jiftakar li kien hemm kwistjoni precedentement ghal dan il-kaz.

**Sonia Galea** xehdet permezz ta’ affidavit (fol 208-209)u qalet li wara l-mewt ta’ Mikiel Cutajar, kienu wirtuh l-eredi tieghu,fosthom missierha Duminku Cutajar. Sussegwentement, dawn l-eredi kienu ghamlu divizjoni tal-proprjeta` permezz ta’ kuntratt ta’ divizjoni datat 26 ta’ Marzu 1998. Qalet li missierha ttrasferixxa lilha l-ghalqa mmarkata bl-isfar b’donazzjoni. Qalet ukoll li l-linja bejn l-art li ta missierha u dik ta’ Xuereb, minn dejjem tafha kif inhi, u s-sinjali huma bil-gebel u bil-hadid.

**Darren Xuereb,** bin Arthur Xuereb, xehed permezz ta’ affidavit (fol 224) u qal, li hu iben ir-rikorrent, u spjega li l-parti tal-art wara l-estensjoni tal-maqjel, dejjem jafha bhala mitluqa u zdingata u ma tintuzax, izda kienu jghaddu minn fuqha. Semma li meta gew Silvio Borg u Ray Zammit mas-*surveyor*, issugerew li l-ahhar posta mmarkata “B” fil-pjanta Dok RZ1, u l-linja mal-marka “A” kellha tersaq ghal go l-ghalqa taghhom, u qal li dan mhuwiex konformi mal-pjanta tal-akkwist taghhom li tghid li akkwistaw circa tomna art.

**Alfred Xuereb** xehed permezz ta’ affidavit (fol 225-226) qal li huh u r-rikorrent li kkonferma li hu dejjem jiftakar il-posti kif jidhru fil-pjanta Dok RZ1, izda ma jiftakar li kien hemm l-ebda posti ohra li ghandhom x’jaqsmu mal-ghalqa ta’ missieru li llum hi tar-rikorrent. Semma li peress fuq in-naha ta’ wara, hemm il-hajt tas-sejjiegh, li qatt ma ccaqlaq, mal-Punent hemm il-posti antiki rispettati minn kulhadd u min-naha tal-lvant, sostna li l-art trid tigi mizjuda min-naha tat-tramuntana biex tigi tal-qies ta’ tomna.

**Mark Wright** xehed (fol 230-234)[9]u qal, lihu *land surveyor*, li kien imqabbad mir-rikorrent, fejn ra fil-kuntratt li kienet giet akkwistata tomna art. Irrefera ghall-pjanta DOK AX4(fol40) u qal li l-punti 1,2, 3 jirraprezentaw il-linja tat-triq. L-istrutturi mmarkati G1 u G2 huma zewg garaxxijiet u G1 jintuza mill-attur. Fejn hemm il-lina 3 sa 4 hemm hajt tas-sejjiegh antik, u fejn hemm 4, 5 u 6, specjalment 4 u 5, hemm posti mmarkati b'gebla jew vireg.

Qal li hu baqa' hiereg bi dritt il-linji paralleli mal-garaxx sakemm stabbilixxa l-qies ta' tomna. Spjega li A u B fuq Dok RZ1 jirraprezentaw il-4,5 u 6 fuq il-pjanta Dok AX4.Izda, spjega li l-punt B jinsab ezatt mal-garaxx, ghalhekk qal li B sa C fuq Dok RZ1 tirraprezenta l-linja 5 u 2 f'Dok AX4 a fol 40. Semma li l-ewwel darba li mar fuq is-sit kien fil-5 ta' Gunju 2013.

In **kontro-ezami** (fol 263-272)[10] qal, li l-ewwel inkarigu li nghata kien li jivverifika l-qies tal-art tar-rikorrent. Spjegali hu kejjel il-konfini li kienu jidhru biex jistabbilixxi l-*area*, u l-perimetri, u hejja s-*survey*, u qal li l-ezercizzju li ghamel kien biex jistabblixxi l-*area*ta' tomna li tappartjeni lir-rikorrent skont il-kuntratt tal-1969. Qal li l-kuntratt datat 1969 hu rah, izda ma kienx hemm pjanta annessa mieghu. Qal li r-rikorrent kien spjegalu li qed juza sal-garaxx. Imbaghad, spjega li l-konfini l-ohra huma mal-hajt tas-sejjiegh, u ma' binja. Qal li hu kkonsulta wkoll l-*aerial photos*. Spjega li hu qed jiehu l-hajt tas-sejjiegh ghax il-

[9] Seduta tat-13 ta' Novembru 2015.
[10] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2015.

marki ta' wara, f'*aerial photo* mhux se jidhru. Qal ukoll, li l-hajt tas-sejjiegh jekk maccaqlaqx, baqa' fejn kien, *stante* li l-marki ta' wara mhumiex ikkontestati, u allura l-unika zvog fejn dik id-differenza ghandha tmur hija fit-tramuntana. Qal li hu fittex senjalatika fit-tramuntana, izda ma sab xejn relevanti li seta jehodha bhala sinjal. Qal li jekk tigbed linja diretta minn 1 sa 28 immarkat fuq id-Dok MW1 (fol 254)[11] tigi ezatt man- numru 27 izda ma kinitx tinkludi tomna, imma kienet pressa poco 356 metru kwadru nieqsa, ghalhekk, li ghamel kien bl-ezercizzju bil-kulur ahmar, li jistabbilixxi kieku l-linja kellha tkompli tohrog b'mod parallel fejn jasal sakemm ikollu t-tomna. Ikkonferma li fil-parti, indikata bl-ahmar, m'hemmx senjaletika *on site*. Mistoqsi jekk fittex marki fin-naha tat-tramuntana qal li ma kien hemm xejn rilevanti fin-naha tat-tramuntana.

**In-Nutar Keith Francis German** xehed permezz ta' affidavit (fol 253) u qal, li m'hemm l-ebda pjanta annessa ma' kuntratt numru 39 fl-atti tan-Nutar Giovanni Chetcuti datat 23 ta' Awwissu 1950.

**L-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni:**

"*Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal-premess, jekk l-attur jipprova jargumenta li dawn l-qsami saru hazin, jinghad, li dawn saru aktar minn tletin sena ilu u ghalhekk kull pretensjoni fir-rigward hija preskritta a tenur tal-artikolu 2143 tal-Kap 16. Certament dawn is-sinjali ilhom hemm aktar minn erbghin sena u dan sahansitra kif anke ntqal lill-*

[11] Id-survey esebit minnu.

*esponent mill-familja Xuereb meta l-esponenti kienu qeghdin jaghmlu survey gol-art li akkwistaw u dan id-diskors intqal qabel ma sari l-kuntratt tal-akkwist tal-esponent.”*

**L-artiklu 2143** hija sollevata wkoll minn Winston Cutajar (it-tmien eccezzjoni) u minn Sonia Galea (il-hames eccezzjoni) u minn Winston Cutajar (preskrizzjoni akkwizittiva).

L-intimati u l-kjamat in kawza qed isostnu *tramite* n-noti ta’ sottomissjonijiet taghhom, li l-azzjoni rikorrenti hija l-*actio rei vindicatoria* fil-vesti ta’ l-*actio finium regundorum*, ghalhekk qed jikkontendu li din l-azzjoni hija preskritta *ai termini* tal-**artikolu 2143 tal-kap 16.**

**Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha imfissra *ante.***

**L-artikolu 2143 tal-Kap 16** jipprovdi**:**

“*L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni gheluq tletin sena, u ebda opposizzjoni ghall-preskrizzjoni ma’ tista ssir minhabba n-nuqqas ta’titolu jew ta’ bona fidi*.”

Jinghad fl-ewwel lok, u kif inhu assodat fil-gurisprudenza, li l-azzjoni *finium regundorum* tista' tigi tentata b’success f’kazijiet fejn hemm dubji dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra.

F'dan il-kuntest, issir referenza ghall-kaz **TamaracLimited, et vs County Leatherware Limited** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fid-19 ta' Jannar 2010, fejn gie ritenut li:

"*l'azione di regolamento di confine presuppone l'incertezza del confine tra due fondi. I rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati: cio` e` incerto e che l'azione tende ad accertare e l'estensione della proprieta` contigue e, quindi, il confine…..Questa azione ha la natura di una rivendica parziale e presenta alcune particolarita`: ciascuno delle parti e`, al tempo stesso, attore e convenuto."* (**Torrente** Diritto private pag.307).

Illi fil-kaz **Victor Mangion et vs Raphael Aquilina et**, P.A. deciz fid-9 ta' Marzu 2005, inghad:

*"…….din hi l-azzjoni li tista' tigi tentata b'success fil-kazijiet li hemm xi dubji dwar il-konfini bejn proprjeta` u ohra – (Ara wkoll* ***Albert Mizzi noe vs Rita Azzopardi et****, App - 27 ta' Marzu 1996). Minn dan jitnissel li f'din l-azzjoni reali u petitorja ma humiex id-drittijiet rispettivi tal-proprjeta` li jitqeghdu in diskussjoni izda l-iskop tal-azzjoni hu dak li jtendi unikament biex tigi eliminata l-incertezza dwar id-demarkazzjoni bejn iz-zewg fondi u b'hekk is-sitwazzjoni ta' fatt tigi adegwata ghal dik ta' dritt. Tajjeb lijigi precizat illi ghal azzjoni ma titlifx in-natura rikonjittiva taghha lanqas fil-kaz li l-eliminazzjoni ta' incertezza ggib maghha l-obbligu tar-rilaxx ta' dik il-porzjoni indebitament posseduta. Ghalhekk talba f'dan is-sens……hi*

*improponibbli in kwantu hi l-konsegwenza tal-istanza tar-regolamentazzjoni tal-konfini."*

Hekk ukoll fil-kaz fl-ismijiet **Markiza Beatrice Cremona Barbaro vs John Polidano** P.A. deciz fit-3 ta' Frar 2005, gie ritenut:

"*….illi huwa siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li f'azzjoni bhal din ir-rispettivi titoli di proprieta` delle parti non sono contestati; cio che e` incerto e l'azione tende ad accertare e` l'estensione delle proprieta` contigue, e quindi, il confine. Non ha importanza se la zona intermedia sia posseduta da uno solo o promiscuamente de entrambi i proprietari confinanti. Questa azione ha la natura di una rivindica parziale (vindicatio duplex incertae partis) e presenta alcune particolarita`; ciascuna delle parti e`; al tempo stesso, attore e convenuto, ogni mezzo di prova e` ammesso; in mancanza di altri elementi, il giudice si attiene al confine delineato dale mappe catastali*."

F'dan ir-rigward, il-kaz **Margerita Vella et vs John u RoseSpiteri**, deciza mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2010, li ttrattat azzjoni ta' determinazzjoni ta' konfini, gie citat l-awtur **Baudry – Lancantinerie** li tkellem fuq artikolu kwazi identiku tal-Code Nopoleon (art. 646) jispjega illi:

*"Il regolamento dei confine e` un operazione che ha per scopo di indicare con segni materiali la linea che separa due proprieta` contigue. Esso ha luogo in contradittorio col*

*vicino e in questo differisce essenzialmente dalla chiusura…..” (Trattato Teorico - Pratico di diritto Civile; dei Beni 900p.647).*

F’azzjoni ghad-determinazzjoni tal-konfini, il-Qorti hija mehtiega li tistabbilixxi li l-atturi huma verament is-sidien tal-art li qed ighidu li giet okkupata mill-konvenuti, li tassew sehhet okkupazzjoni ta’ din l-art u f’dak il-kaz il-kejl tal-art hekk okkupata. (Ara **Victor Lia et vs Alan Gatt et**, P.A. deciza fil-15 ta’ Ottubru 2009, u **Carmel Abela et vsGiuseppe Attard et**, P.A. deciza fil-15 ta’ Gunju 2016).

Illi gie sottomess mill-intimati li l-azzjoni odjerna fil-fatt, hija *actio rei vindicatoria* u mhux azzjoni ghall-istabbiliment tal-konfini. Dan qed jigi sostnut peress, li qed jinghad li diga hemm qsami u sinjali li ilhom hemm ghal ghexieren ta’ snin u, juru l-konfini bejn l-artijiet in kwistjoni. L-azzjoni *rei vindicatoria* ghandha bhala skop ir-rikonoxximent tad-dritt tal-proprjeta` tal-attur, u bhala konsegwenza r-restituzzjoni tal-haga reklamata. Jigi dedott, li jekk l-azzjoni tkun ghall-ispustar tal-konfini, biex art li llum tinsab f’idejn l-intimati tinghata f’idejn ir-rikorrent, dik tkun l-azzjoni *rei vindicatoria.*

Illi l-indoli tal-azzjoni hija determinata mit-talbiet u mill-premessi. Fil-kaz in ezami, dak li qed jintalab, huwa sabiex tigi stabbilita d-delinjazzjoni fattwali, u jigu stabbiliti l-konfini permezz ta’ segregazzjoni korretta, skont il-kuntratti, dokumenti u provi prodotti fl-atti tal-kaz, bl-ghajnuna ta’ periti nominandi li jigu mahtura mill-Qorti*stante* incertezza. Difatti, dan huwa rifless, fil-premessi tar-rikors promotur,

fejn qed jintalab specifikatament, li tigi mhejjija linja li taqsam l-art tar-rikorrent min-naha tat-Tramuntana minn dik li llum hija proprjeta` tal-intimati, *stante* li hemm nuqqas ta' qbil dwar dan bejn il-partijiet.

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi, li azzjoni ghad-delimitazzjoni tal-konfini hija msejsa fuq il-jedd li kull sid ta' proprjeta` ghandu fil-ligi, sabiex ikun hemm is-sinjali u d-delimitazzjonijiet bejn l-artijiet. Dan johrog car mill-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar dan.

L-**artikolu 325 tal-Kap 16** jiddisponi:

*"Kull sid jista' jgieghel lill-gar jaghmel, bi spejjez komuni sinjali li jidhru u li jibqghu, biex juru l-limiti tal-fondi taghhom li jmissu ma' xulxin."*

L-ghan ghalhekk tal-*actio finium regundorum* huwa bbazat fuq id-determinazzjoni oggettiva tal-fond u l-accertament tal-estensjoni tad-dritt, sabiex jigu eliminati l-incertezzi tad-demarkazzjoni bejn iz-zewg fondi. Jigi ribadit li din l-azzjoni hija biss intiza sabiex jigi determinat il-konfini bejn il-proprjetajiet.

Illi isegwi li r-rwol tal-Qorti f'kaz bhal dan, mhuwiex li tirrisolvi kwistjonijiet dwar titolu, imma li tirrisolvi kunflitt limitatament ghad-demarkazzjoni ta' fondi/artijiet, sabiex telimina incertezzi li jistghu jezistu dwar dawn id-delimitazzjonijiet. (Ara **Victor Mangion et vs RaphaelAquilina et**, P.A. – deciza fid-9 ta' Marzu 2005;

ara **Dolores Debono et vs Joseph Grech et**, P.A. deciza fit-28 ta' April 2003.) Illi l-incertezzi jistghu ikunu oggettivi (fejn ma jkunx hemm sinjali apparenti), jew soggettivi (fejn min qed jipprocedi bil-kaz ikun irid iwarrab kwistjonijiet jew il-possibilita` li tittihidlu parti mill-art), meta f'kaz li l-attur irid jelimina l-konflittwalita` jew biex jevita usurpazzjoni ta' parti mill-art. L-indagini mehtiega hija wahda purament dikjarattiva ta' accertament li taghmel is-sitwazzjoni ta' fatt kompatibbli ghal dak tad-dritt. (Ara **Maria Dolores Debono et vs Joseph Grechet**, P.A. deciza fit-28 ta' April 2003, u **PaoloCamilleri et vs Alfred Cassar et**, P.A., deciza fit-22 ta' Jannar 2009).

Isegwi li l-ghan tal-*actio finium regundorum* huwa dak li jistabbilixxi l-konfini u mhux it-titolu, ghalkemm il-prova tat-titolu tghin biex minnha wiehed jista' jasal biex jiddetermina fejn jibda l-gid ta' parti u fejn jintemm il-gid tal-parti l-ohra. Huwa proprju f'dan is-sens, li l-azzjoni ghad-determinazzjoni tal-konfini hija differenti mill-*actio reivindicatoria*.

Illi fid-dawl tal-premess din il-Qorti jidhrilha li t-talbiet kif impustati huma konsistenti mal-*actio finiumregundorum*.

**Illi kemm il darbaqed jigi ritenut, li l-azzjoni odjerna, hija l-*actio finium regundorum*, din l-azzjoni hija impreskribibbli:**

"*hija azzjoni accessorja ghad-dritt ta' proprjeta` u ghalhekk tintilef biss meta tintilef il-proprjeta`. Il-proprjeta` ma tintilifx*

*bi preskrizzjoni; tintilef biss jekk tkun inkisbet minn haddiehor b'uzukapjone i.e. bil-pussess u l-moghdija ta' zmien. Billi l-premessa tal-azzjoni finium regundorum hija illi ma hemmx pussess univoku ghax ma hemmx konfini precizi, u illi ghalhekk il-gar ma kisibx il-proprjeta` b'uzukapjone, isegwi inevitabilment illi din l-azzjoni hija min-natura taghha hija impreskrittibbli."* (Ara **Vella Davidet vs Francesco Mercieca et**, ikkonferma mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-5 ta' April 2013; **Mary Rose Gambinnoe vs Kuraturi Deputati**, (784/2012) JPG deciza fl-10 ta' Marzu 2016).

Fil-kaz **Paul Camilleri et vs Joseph Camilleri**, 2506/97 (RCP), saret referenza ghall-kaz, **Francesco Debattista vs Antonio Grech**, AC. – 23 ta' April 1951- XXXV A.i.91):

*"….id-drtt li jgieghel lill-gar jaghmel, bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u jibqghu, biex juru l-limiti tal-fondi taghhom li jmissu ma' xulxin. Din l-azzjoni hija impreskribibbli; salv id-dritt ta' wahda mill-partijiet f'kawza ta' regolament tal-konfini, li tinvoka l-pussess trentennali sabiex il-limiti jitpoggew fil-limiti estern tal-art uzukapita."*

F' dan l-istess kaz **Francesco Debattista vs Antonio Grech** kien gie ribadit hekk:

*"…..kull sid jista' jgieghel lill-gar jaghmel bi spejjez komuni, sinjali li jidhru u li jibqghu biex juru l-limiti tal-fond taghhom li jmissu ma' xulxin. Izda, meta dawk il-konfini jkunu gew stabbiliti bejn il-partijiet, sija bi ftehim, sija b'sentenza l-*

*azzjoni 'finium regundorum' tkun ezawrita, u ma tistax tigi ezercitata mill-gdid, jekk mhux fil-kaz li dawk il-konfini jkunu gew rimossi da forza maggiore o guasti dall'azione del tempo in giusa che non siano riconoscibili. Ma se i termini tutt' ora sussistono non puo` l'una parte chiedere un a nuova apposizione, perche le convinzioni, come i gudicati, formano legge tra le parti*." (**Ricci** Vol. II pag.114 – 115).

Ikkonsidrat li huwa fuq dan il-punt, li qed jikkampaw l-intimati, billi qed isostnu li s-sinjali tal-konfini huma diga ezistenti u ilhom hemm erbghin sena.

Jigi ritenut, kif diga inghad aktar 'il fuq azzjoni ta' din ix-xorta mhijiex ammissibli jekk il-konfini jkunu diga stabbiliti, ghax dan jaghti lok ghal azzjoni ohra ossia l-*actio rei vindicatoria*.

*"Non e ammissibile questa azione nel caso che qualunque sappia precisamente i propri confine, e sostenga che il vicino li abbia oltrepassati; poiche in tal caso ha luogo l' azione rivindicatoria"* (**Hainberger, Diritto RomanoPrivate Puro**, par. 588; **Laurent** VI.VII pag.373 para 419; **Baudry Lacantinerie Dei Beni**, pag. 566 para 910, (Ara **Debattista vs Grech** sucitata, u **Mark FurnitureLimited vs Tal-ibragg Development Co. Limited et,** P.A. – 3 ta' Dicembru 2014). Ghalhekk, jigi dedott minn dan l-insenjament, li l-azzjoni tista' tigi ezercitata b'success biss jekk ikun hemm dubji dwar dawn il-konfini.

*In vista* ta' dak kollu premess, tenut kont li mill-formulazzjoni tal-azzjoni jirrisulta li hija l-*actio finium*

*regundorum,* isegwi li l- eccezzjoni tal-intimat u tal-kjamati in kawza in kwantu li qed jinvokaw l-artiklu 2143 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu michuda .

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tiddikjara li l-azzjoni odjerna hija l-*actio finium regundorum* u kwindi tichad bhala improponibbli it-tieni eccezzjoni tal-intimati fejn eccipew il-preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu2143 tal-Kap 16**.

Konsegwentement tichad it-tmien eccezzjoni tal-kjamat in kawza Winston Cutajar u dawk l-eccezzjonijiet sollevati minn Sonia Galea in kwantu inkompatibbli ma' din is-sentenza.

Ghaldaqstant din il-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mal-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Mejju 2017**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Mejju 2017**